# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 943

KAZ NRU. 1111

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Union Haddiema Maghqudin

u

De La Rue Currency and Security Print Ltd

dwar ingustizzji li qed isofru Ms Connie Mifsud u Ms Diane Debattista

Data : 11 ta' Mejju, 1998

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

**Membri : Is-Sur Alfred Buhagiar**
**Is-Sur Joseph G. Vassallo**

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Dan il-kaz gie riferit quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 27 ta' Jannar, 1997 (Ref. MHS/2/97/1) biex jigi processat skond it-termini tal-Att. XXX ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta).

1.2 It-Tribunal zamm tlettax (13)-il seduta.

1.3 Il-Union Haddiema Maghqudin kienet rapprezentata mis-sur Joe Morana, Segretarju, Taqsima Manifattura, Servizzi u Haddiema Alleati, assistit (mill-laqgha tat-30 ta' Mejju 1997 'l quddiem) mill-avukat Dr. Lorraine Schembri Orland. Kienu prezenti wkoll Ms Connie Mifsud u Ms Diane Debattista, impjegati bhala Security Guards ma' De La Rue bhala l-persuni li allegatament qeghdin isofru ingustizzji.

1.4 Meta nbeda l-kaz l-isem tal-parti appellata kien Thomas De La Rue (Malta) Ltd. Fis-seduta tas-16 ta' Settembru, 1997 it-Tribunal gie nfurmat li l-isem tal-kumpanija gie mibdul f'De La Rue Currency & Security Print Ltd u ntalab li l-Occhio jigi mibdul f'dan is-sens. Bi qbil bejn il-partijiet hekk sar.

1.5 De La Rue Currency u Security Print Ltd kienet rapprezentata mis-sur Ron Dickinson, Ms Agnes Abela u mis-sur Philip Zammit Briffa, assistiti mill-avukat Andrew Borg Cardona.

1.6 Minn hawn 'il quddiem kull fejn tidher il-kelma "Union" tkun tirreferi ghat-Taqsima Manifattura, Servizzi u Haddiema Alleati tal-Union Haddiema Maghqudin, waqt li kull fejn tidher il-kelma "kumpanija" tkun tirreferi ghal De La Rue Currency u Security Print Ltd.

## 2. **TERMS OF REMIT**

2.1 It-Terms of Remit kif sottomessi fl-istatement of case bazikament huma l-istess bhal dawk imsemmija mill-Union fl-ittra tad-9 ta' Jannar, 1997 indirizzata lill-Ministru tas-Sigurta' Socjali fejn talbet riferenza tat-Tilwima lit-Tribunal :

"Dawn iz-zewg impjegati (i.e *Ms Connie Mifsud u Ms Diane Debattista*) qed jigu mcahhda minn kundizzjonijiet u opportunitajiet tax-xoghol u sussegwentement ukoll minn dhul finanzjarju ugwali, li jgawdu l-kumplament tas-Security Guards kollegi taghhom, li jahdmu fl-istess grad u dipartiment mal-kumpanija msemmija."

3. **PUNTI PRELIMINARI**

3.1 Fit-8 ta' Lulju 1997 it-Tribunal ta Decizjoni (Nru. 851) fuq eccezzjoni mqajma mill-kumpanija dwar talba tal-Union ghal danni morali u finanzjarji li allegatament sofrew l-appellanti. It-Tribunal iddecieda li m'ghandux poter jistabilixxi jew jaghti kumpens simili.

3.2 Fl-istess decizjoni sejjah in kawza t-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union, li hi l-Union rikonoxxuta ghal finijiet ta' 'Collective Bargaining'. Fis-16 ta' Settembru 1997 meta s-sur Alphonse Meli, Deputat Segretarju Generali tal-G.W.U. tela' jixhed iddikjara li ma jhossuhomx "partecipattivi f'dan it-Tribunal". Sar verbal f'dan is-sens.

3.3 Fis-6 ta' Ottubru 1997, wara ripensament, l-imsemmija Taqsima tal-G.W.U. talbet li tkun rapprezentata ufficjalment waqt it-tkomplija tal-kaz. Wara li wizen is-sottomissjonijiet li saru f'dan ir-rigward, inkluz it-twegibiet moghtija fit-13 ta' Ottubru ghall-mistoqsijiet tat-Tribunal mis-sur Gejtu Mercieca, Segretarju tat-Taqsima u wara li ezamina kif zvolgiet din il-kwistjoni, t-Tribunal ta Digriet fit-3 ta' Novembru 1997 fejn cahad it-talba tal-G.W.U. tas-6 ta' Ottubru, 1997.

4. **XHIEDA**

4.1 Tul is-smigh tat-Tilwima, t-Tribunal sema' x-xhieda tal-persuni ta' hawn taht :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Alphonse Meli | - | Deputat Segretarju Generali, G.W.U. |
| Is-Sur Gejtu Mercieca | - | Segretarju, Taqsima Kimika u Haddiema Generali, G.W.U. |
| Is-Sur Ron Dickinson | - | General Manager, De La Rue (Malta) |
| Is-Sur John Cousins | - | Financial Controller, De La Rue (Malta) |
| Is-Sur L. Tirchett | - | Senion Supervisor, De La Rue (Malta) |
| Is-Sur P. Zammit Briffa | - | Security Manager, De La Rue (Malta) |
| Is-sinjorina Agnes Abela | - | Personnel Manager, De La Rue (Malta) |
| Is-Sur Ant. Sultana | - | Security Controller (Asst. Shop Steward) |
| Is-Sur David Darmanin | - | Security Guard (Shop Steward) |
| Is-Sur John Simpson | - | Security Guard (ex-Shop Steward) |

| | | |
|---|---|---|
| Is-sinjorina Connie Mifsud | - | Security Guard |
| Is-sinjorina Diane Debattista | - | Security Guard |

5. **DOKUMENTI**

5.1 Mal-"istatement of case" tal-partijiet kien hemm annessi kopji tal-"House Notice" tad-19 ta' Jannar 1987 li sejhet ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' female Security Guard, skond il-Ftehim Kollettiv ta' dak iz-zmien u ta' tlett ittri mibghuta mill-kumpanija lill-Union, datati rispettivament 14 ta' Ottubru, 20 ta' Novembru u 17 ta' Dicembru 1996.

5.2 Waqt is-smigh tat-Tilwima gew prezentati lit-Tribunal id-dokumenti msemmija hawn taht :-

Sottomissjoni tal-Union dwar wiehed mill-punti preliminari mqajma mill-kumpanija.

Kopja tal-Ftehim Kollettiv 1986-89.

Ittra bid-data 6 ta' Ottubru 1997 minghand il-G.W.U.

Ittra bid-data 10 ta' Ottubru 1997 minghand il-U.H.M.

Duty Rosters tas-Security Guards (1995, 1996, 1997).

Skedi ta' Security overtime mahdum u ta' shift u overtime allowances.

Kopja ta' Fax minn Securicor Security Services.

Dettalji ta' sighat mahduma mis-Security Guards.

Skedi ta' 4 shift Rotas li Security Guards irgiel ma hadmux ghar-ragunijiet personali (1995/96/97).

Estratt mill-Policy Manual ta' De La Rue dwar :
'POLICY & PROCEDURE - EQUAL OPPORTUNITIES".

6. **STATEMENTS OF CASE**

6.1 Il-Union stqarret li tqis li l-"House Notice" tad-19 ta' Jannar 1987, li tahta gew mahtura is-sinjorini Mifsud u Debattista bhala Security Guards, kienet iccahhad lill-imsemmija persuni (l-appellanti) minn kundizzjonijiet u opportunitajiet ta' xoghol ugwali ghal dak tal-kollegi taghhom fl-istess grad.

6.2 Spjegat li miz-zmien tal-hatra l-appellanti ghamlu l-istess xoghol bhas-Security Guards irgiel hlief li, minhabba "policies" tal-kumpanija, ma kienux jaghmlu xoghol ta' skorta u lanqas ma kienu jahdmu l"first" u n-"night" shifts. Bhal shabhom irgiel intbaghtu wkoll ghal korsijiet ta' "fire-fighting" u ta' "first-aid".

6.3 Sa d-19 ta' Ottubru 1996, barra l-paga, kienu jithalsu "day shift allowances", "Sunday premium" u rati ta' "overtime" bhal ma kienu jithallsu s-Security Guards l-ohra. B'mod arbitrarju l-kumpanija waqfet dawn il-hlasijiet mill-20 ta' Ottubru 1996 ghaliex, skond hi, dawn il-haddiema ma jahdmux il-"four shift rota". Il-Union ziedet tghid li t-tnaqqis sar fil-konfront ta' l-appellanti biss.

6.4 Mill-11 ta' Novembru 1996 il-kumpanija kompliet iccahhad lill-appellanti minn kundizzjonijiet u opportunitajiet ta' xoghol ugwali ghal dawk tal-kollegi taghhom billi nehhiethom ukoll mis-"second shift".

6.5 Il-Union esprimiet il-fehma li l-appellanti qed isofru ngustizzja billi qeghdin :

a) Jigu eskluzi minn kull "roster" ta' xoghol ta' skorta u ghalhekk ma jistghux jibbenefikaw minn hlasijiet addizzjonali konnessi ma' xoghol simili, igifieri "escort allowance". "airport" "docks" u "overseas" allowances u sahra;

b) jigu eskluzi mir-"roster" ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet "shift" u b'konsegwenza ma jircivux l-allowances relattivi;

c) jigu mcahhda mid-"day shift allowance", s-"Sunday Premium" u minn rata ta' sahra doppja;

d) jircievu sahra inqas ghax din mhiex qed tit-qassam b'mod ekwu fil-konfront taghhom.

Dak li qeghdin jigu michuda minnu f'a; b, u c qed jitgawda mill-kumplament tas-Security Guards.

6.6 Il-Union talbet lit-Tribunal li jordna l-kumpanija li, b'effett immedjat, tiehu dawk il-passi mehtiega sabiex tassigura li s-sinjorini Mifsud u Debattista jgawdu l-istess kundizzjonijiet tax-xoghol u jinghataw opportunitajiet ta' xoghol u ta' dhul finanzjarju mill-impjieg ugwali ghal dawk li fil-prattika jgawdu l-kollegi

taghhom is-Security Guards l-ohra u dan anke skond il-politika tal-Gvern ta' Malta.

6.7 Fl-"istatement of case" tal-kumpanija tqajmu zewg punti preliminari li gew risolti mit-Tribunal, wara li sema' l-partijiet, bid-decizjoni preliminari Nru. 851. Qabel ma dahlet fuq il-mertu propju tal-kaz il-kumpanija spjegat fil-qosor x'tipproduci, kemm kellha mpjegati u f'liema dipartimenti huma allokati.

6.8 Gie spjegat li l-impjegati fid-dipartiment tas-Sigurta' ghandhom zewg funzjonijiet : wahda amministrattiva (din m'ghandiex x'taqsam mal-kaz odjern) u l-ohra operattiva. Ta' l-ahhar tinhadem minn 4 "Security Shift Controllers" u 11 il-"Security Guards" 9 irgiel u 2 nisa. Dawn huma mpjegati bl-uniformi li ghandhom responsabbilita' ghas-Sigurta' fizika tal-fabbrika, tfittxijiet fizici fuq l-impjegati u xoghol ta' skorta lejn u mill-fabbrika. Dan ta' l-ahhar jista' jinvolvi vjaggar barra minn Malta. L-impjegati nisa u rgiel f'din is-sezzjoni jircievu paga bazika identika.

6.9 Id-dmirijiet ta' l-irgiel u tan-nisa Security Guards huma essenzjalment l-istess, hlief illi n-nisa ma jaghmlux xoghol barra l-konfini tal-fabbrika bl-eccezzjoni ta' meta xi drabi isuqu karozza tal-kumpanija. Minhabba n-natura tax-xoghol taghhom, l-irgiel jahdmu 4-"shift roster" li jkopri s-sighat kollha tal-jum, l-gimgha kollha u s-sena kollha. Filwaqt li n-nisa jahdmu "day shift" u wkoll "second shift" (bejn 14.00 u 22.00) normalment hamest ijiem fil-gimgha hlief meta jkun hemm sahra minhabba li jkun hemm nisa jahdmu fil-produzzjoni.

6.10 Fil-hdax-il sena mit-twaqqif taghha fl-1975 sa l-1986 il-kumpanija espandiet u kellha 530 impjegat li

minnhom 285 kienu nisa. Ghalhekk gie deciz li jinbidlu l-arrangamenti ta' tfittxija u li jinhatru zewg Security Guards ta' sess femminili. Ix-xoghol principali taghhom kellu jkun dik ta' tfittxija fuq impjegati nisa, biss biex ikunu okkupati gie deciz li jinghataw xoghol iehor gewwa l-fabbrika fid-dipartiment tas-"Security". Fid-19 ta' Jannar, 1987 inharget House Notice li rreklamat iz-zewg vakanzi. L-imsemmija House Notice specifikat illi "the job does not include local and overseas escorts".

6.11 Ghall-kumpanija gie dikjarat li d-doveri kienu gew spjegati lill-appellanti u li kienu gew infurmati illi ser jahdmu fuq "day shift" u "afternoon shift" li jduru. Dan ir-roster inhadem ghal dawn l-ahhar 10 snin hlief ghal perjodu meta l-impjegati nisa, li normalment jahdmu "two-shift system", gew trasferiti temporanjament fuq "day shift".

6.12 Waqt in-negozjati ghall-Ftehim Kollettiv 1996 - 1998 gie nnotat illi iz-zewg appellanti kienu qeghdin jithallsu "allowance" qishom jahdmu 4-"shifts" filwaqt li huma kienu jahdmu 2-"shift roster". Dan il-fatt jikkontradixxi l-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv peress illi hemm xi 140 impjegat iehor li jahdmu 2-"shift roster" u jithallsu "allowance" skond dan ir-"roster". F'Settembru 1996 l-appellanti gew avzati li se jibdew jithallsu allowance relatat mat-2 "shift roster" u hekk beda' jsir minn Ottubru, 1996 u mhux aktar ghal "4-shift roster".

6.13 Dr. Andrew Borg Cardona ghan-nom tal-kumpanija kkonkluda billi qal li jidher car illi t-talbiet ta' l-Union ma jistghux jigu accettati fid-dawl tal-punti li jsegwu :

a) gew impjegati Security Guards nisa biex jaghmlu tfittxija personali fizika fuq impjegati nisa skond il-bzonn;

b) jekk Security Guards nisa jahdmu fuq l-istess "roster" ta' l-irgiel jista' jigri li jkun hemm Security Guard mara biss prezenti waqt li l-haddiema fuq ix-xoghol ikunu kollha rgiel;

c) bidla fil-hinijiet li prezentement jahdmu s-Security Guards nisa twassal li t-tfittxija fuq impjegati nisa ma ssirx efficjentement u li c-caqlieq ta' mpjegati nisa fil-fabbrika ma jkunx ikkontrollat; bidla simili ggib maghha mpjieg ta' Security Guards nisa addizzjonali li twassal ghal spiza sostanzjali li l-kumpanija ma tarax htiega ghaliha;

d) ghall-ragunijiet ovvji mhuwiex ikkunsidrat li xoghol ta' skorta lejn il-port u l-ajruport hu xoghol ta' nisa;

e) huwa kkunsidrat illi l-image tal-kumpanija ma jkunx moqdi sew jekk jintbaghtu Security Guards nisa fuq xoghol ta' skorta barra minn Malta; f' diversi pajjizi fejn tesporta l-kumpanija dan ikun totalment inaccettabbli;

f) illi meta l-appellanti bdew jahdmu fil-post li qeghdin jokkupaw kienu jafu d-doveri taghhom x' kienu u li varjazzjoni unilaterali tal-kuntratt ta' l-impjieg taghhom mhux permissibli skond il-provvedimenti normali tal-ligi.

7. **TRATTAZZJONI U SOTTOMISSJONIJIET FINALI**

7.1 Dan il-kaz gie quddiem it-Tribunal ghaliex minn Ottubru 1996 'il quddiem il-kumpanija ma baqghatx thallas lis-sinjorini Connie Mifsud u Diane Debattista il-hlas addizzjonali ghax-"shift roster", "Sunday Premium" u "overtime" relatat fuq l-istess bazi li thallsu bih minn meta saru Security Guards fl-1987. Skond il-kumpanija l-hlas addizzjonali li sar mill-1987 sa Ottubru 1996 sar fuq bazi hazina ghax l-appellanti kienu jahdmu orarji differenti mill-irgiel u d-doveri taghhom kienu izjed ristretti.

7.2 Waqt it-trattazzjoni hareg car li l-kaz tal-Union hu mibni fuq it-twemmin li l-appellanti, peress li huma nisa, qeghdin jigu mcahhda milli jgawdu l-istess kundizzjonijiet ta' xoghol, inkluz orarji, u li mhux qeghdin jinghataw l-istess opportunitajiet ta' dhul finanzjarju bhas-Security Guards irgiel.

7.3 Mill-ezami ta' xhieda varji li sar minn Dr. Schembri Orland irrizulta li, waqt id-diskussjonijiet fuq il-Ftehim Kollettiv 1996-98 f'Awissu 1996, il-G.W.U. staqsiet ghaliex il-150 haddiem li jahdmu "two-shift system" ma jithallsux "allowances etc" fuq l-istess bazi li kienu qed jithallsu l-appellanti, igifieri qishom qeghdin fuq "four-shift roster". Kien dak il-hin li l-kumpanija rrealizzat li l-appellanti kienu qeghdin jiehdu hlas addizzjonali b'rata oghla minn dik dovuta.

7.4 Mix-xhieda tas-sur Dickinson irrizulta li r-rata ta' overtime, i.e. jekk hux 'siegha - siegha u nofs' jew 'siegha - saghtejn', jew jekk ghandux jithallas numru ta' sighat minimi jew jekk jithallasx "Sunday Premium", kienet

tiddependi fuq il-funzjoni moqdija. Qal li din kienet pjuttost prattika milli kienet tohrog minn kitba. Qal ukoll li peress il-kumpanija tezisti biss biex tesporta, l-"image" taghha fejn twassal il-prodotti kien ferm importanti. Il-kumpanija ma tuzax Security Guards femminili fuq "escort duties" ghal din ir-raguni. Barra minnhekk ghal certi pajjizi mhux accettabbli li jkun hemm mara taghmilha ta' Security Guard. Din ix-xhieda giet ikkonfermata mis-sur Zammit Briffa.

7.5 Kemm is-sinjorina Abela u s-sur Zammit Briffa, li jkonducew l-intervisti ghall-ghazla bhala Security Guards ta' l-appellanti, stqarrew li l-appellanti kienu jafu xogholhom ser ikun u ghal x'hiex dehlin. Il-House Notice li rreklamat il-vaganzi u li ghaliha kienu wiegbu kienet kategorikament eskludiet skorti, kemm lokali u kemm barra minn xtutna. Nisa bhala Security Guards kienu mehtiega l-iktar biex jaghmlu tfittxijiet fuq il-persuni ta' mpjegati femminili. Ix-xhieda tas-sinjorina Mifsud ma kkonfermatx li l-intervista imxiet hekk.

7.6 Il-Union ippressat hafna halli tistabilixxi li Security Guards irgiel li jahdmu "four-shift roster" u jiehdu hlas addizzjonali sostanzjali fil-fatt ma jahdmux daqs tant aktar. Irrizulta li l-"four-shift roster" jinhadem fuq "rota" ta' disa' gimghat li minnhom f'erba' gimghat biss is-Security Guards ikunu tassew qeghdin jahdmu erba' "shifts". Irrizulta wkoll li l-haddiema jistghu jbiddlu bejniethom, wara li jimlew formola biex jinfurmaw il-management. Deher bic-car li l-management hu interessat biss li jsir x-xoghol li jehtieg isir tajjeb u mhux daqstant interessat minn min jsir.

7.7 Fis-sottomissjonijiet finali taghha l-Union tenniet li l-ilment taghha li l-House Notice tad-19 ta' Jannar 1987 cahhdet lill-appellanti - li kienu l-persuni maghzula

- minn kondizzjonijiet ta' xoghol u opportunitajiet ta' hlasijiet ugwali ghal dawk ta' shabhom is-Security Guards irgiel. Il-Union ikkontendiet li l-imsemmija notice tmur kontra il-"Group Policy Manual" tad-'De La Rue Group' fil-parti fejn jitkellem dwar "Policy and Procedures - Equal opportunities". Fil-fehma tal-Union in-notice lanqas hi skond il-politika nazzjonali tal-Gvern Malti.

7.8 Il-U.H.M. sostniet li l-kwistjoni fejn huma mdahhla l-appellanti tikkostitwixxi kaz ta' *Direct Discrimination* bejn in-nisa li ghalihom qed tidher il-Union u l-kumplament tal-kollegi taghhom. Din id-diskriminazzjoni u d-differenza fi trattament bdiet issehh sa minn meta harget il-House Notice.

7.9 Dr. Schembri Orland, fis-sottomissjoni finali tal-U.H.M. sahqet li "l-principju ta' ugwaljanza fl-opportunita' u fit-trattament hu principju fondamentali mhux biss tal-Ligi ordinarja izda tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem". Semmiet li l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-politika nazzjonali jezigu ugwalzanza bejn is-sessi. Iccitat fit-tul mil-Kostituzzjoni u mic-"CEDAW Convention" tal-Gnus Maghquda, liema 'Convention' kienet ratifikata minn Malta biex tohrog il-qaghda tal-kumpanija f'din il-kwistjoni.

7.10 Fil-konkluzzjoni, wara li gew elenkati l-ingustizzji u danni li qeghdin isofru l-appellanti, l-U.H.M. talbet lit-Tribunal biex jordna li l-appellanti jigu moghtija l-istess kondizzjonijiet ta' xoghol u opportunitajiet ta' xoghol u ta' dhul finanzjarju ugwali ghal dawk li jgawdu Security Guards irgiel. It-Tribunal intalab ukoll jordna lill-kumpanija sabiex l-appellanti jigu re-integrati fit-tgawdija ta' l-"allowances" u beneficcji mid-data tat-Tilwima Industrijali.

7.11 Is-sottomissjonijiet finali tal-kumpanija tennew li l-appellanti gew impjegati taht kundizzjonijiet ta' xoghol li jiffurmaw parti mill-Ftehim Kollettiv. Huma kienu mpjegati principalment biex jiehdu hsieb il-funzjoni ta' tfittxija fuq impjegati nisa, biss maz-zmien bdew ukoll jaghmlu xi saghtejn kuljum mal-gate. Darba wahda kull wahda minnhom intbghatet barra bhala "courier". Il-kumpanija fakkret li kien intwera li dan kien xoghol li jista' jsir minn kull impjegat u mhux biss minn persuni fis-security.

7.12 De La Rue semmiet li gie muri li s-Security Guards nisa thallsu l-istess bhal irgiel bi zvista u mhux ghax il-kumpanija kellha intenzjoni tpoggihom fuq sistema ta' "four shifts" bhal kollegi taghhom irgiel. Ziedet li jkun manifestament ingust illi impjegati li ma jahdmux fuq sistema ta' "four shifts" jithallsu ghal din is-sistema. Attirat l-attenzjoni ghall-fatt illi l-kumpanija ghandha numru mdaqqas ta' mpjegati illi ma jahdmux "four-shift system". Jekk dawn jaraw zewg Security Guards li jahdmu bhalhom jithallsu qishom qeghdin jahdmu "four-shifts" jippretendu li huma wkoll ikunu ttrattati bl-istess mod.

7.13 Il-kumpanija kkommentat dwar is-sottomissjoni tal-U.H.M. li l-motivazzjoni tal-kumpanija fil-konfront ta' l-appellanti hija wahda diskriminatorja fuq bazi ta' sess. Qalet li, ghaliex semplicement min ihaddem jiddistingwi bejn impjegat u iehor ghal dak li jirrigwarda assenjar ta' xoghol minhabba ezigenzi ta' xoghol, mhuwiex l-istess bhal diskriminazzjoni.

7.14 Il-kumpanija ddikjarat li z-zewg Security Guards nisa ma gewx assenjati xoghol li kien idahhalhom fuq "four-shift system" u l-kumpens relatat ghaliex il-kumpanija impjegathom ghal skopijiet ohra u ma kellhiex bzonnhom ghal xoghol fejn tahdem il-"four-shift system".

Irrimarkat li hi l-kumpanija li tmexxi r-rizorsi taghha u mhux l-impjegati. Kompliet tghid li s-sistema ta' overtime ilha s-snin miftehma mal-Union rikonoxxuta u li daqshekk il-kumpanija ilha timxi fuq dak miftiehem.

7.15 Ghan-nom ta' De La Rue Dr. Borg Cardona ikkummenta li, fid-dawl ta' dak kollu li semmiet il-kumpanija, johrog car illi l-impjegati kkoncernati mhu qeghdin jippretendu xejn ghajr tibdil tal-kundizzjonijiet u patti taghhom.

Issottometta li minghajr raguni valida t-Tribunal m'ghandux jiddisturba dak li kien gie liberament miftiehem bejn il-partijiet. (Dan kien ribadiet f'Award 511 bejn Air Malta Co Ltd u l-Union tal-Cabin Crew). Il-kumpanija ghalhekk talbet lit-Tribunal jiddikjara illi l-kumpanija qeghda timxi skond id-drittijiet taghha.

7.16 Il-partijiet ghamlu noti ta' sottomissjonijiet ulterjuri. Fil-maggor part irribadew u espandew fuq dak li kien ga gie sottomess. Li wiehed jista' jikkunsidra bhal "gdid" u li jispjega l-qaghda ahjar huma :

7.16.1 **<u>Ghall-Union</u>**

1. Li l-Ftehim Kollettiv ma jaghmel ebda distinzjoni bejn impjegati nisa u mpjegati rgiel.

2. La s-Security Guards nisa ghamluha ta' "Couriers" darba kull wahda ma tezistix gustifikazzjoni ghaliex qeghdin jigu sottoposti ghall-limitazzjonijiet li ma japplikawx ghal kollegi rgiel fl-istess grad.

3. Il-Union mhux qed titlob tibdil unilaterali fil-Ftehim Kollettiv imma li titnehha dik il-parti

segregattiva fir-rigward ta' l-appellanti li certament mhiex konformi mal-ligijiet u policy nazzjonali.

7.16.2 **Ghall-Kumpanija**

1. L-impjegati kkoncernati ghandhom paga u kundizzjonijiet bazici li huma identici ghal dawk ta' l-irgiel. Li hemm differenti hu li galadarba ma jahdmux "four-shift roster" ma jithallsux allowances ta' din is-sistema.

2. Dwar l-"image issue" intqal li l-argument tal-Union dwar dan huwa ghal kollox "out of context". Il-haddiema nisa ma jintbaghtux fuq skorta barra ghal diversi ragunijiet ovvji, fosthom il-fatt illi f'certi pajjizi r-rwol tan-nisa fi kwazi kull qasam, mhux biss tas-sigurta' huwa definit b'mod ristrett hafna.

3. Huwa car li kieku ma kienx hemm l-izball amministrattiv originali li thallsu meta ma hadmux "four-shifts" kieku l-kwistjoni ma kinitx tinqala'.

## 8. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

8.1 Dan il-kaz zvolga ruhu bhala wiehed li jinvolvi diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess fl-allokazzjoni ta' xoghol u ta' opportunitajiet ta' xoghol li jgib mieghu dhul addizzjonali ghal paga bazika ta' kariga. Giet attribwita' din il-motivazzjoni lil dak kollu li sar minn

De La Rue Currency and Security Print Ltd fil-konfront tas-sinjorini Mifsud u Debattista.

8.2 Il-punt ta' tluq ta' din il-kwistjoni kienet il-House Notice ta' d-19 ta' Jannar 1987 li reklamat zewg postijiet ta' female Security Guard. Fin-notice kien hemm elenkati d-doveri. Kien hemm ukoll b'mod inekwivoku eskluzi "local and overseas escorts". Hija haga naturali li l-applikanti kienu jafu l-kontenut u t-tifsira tan-notice. It-Tribunal m'ghandux dubju li dan kien japplika wkoll ghas-sinjorini Connie Mifsud u Diane Debattista li ntghazlu biex jimlew iz-zewg postitijiet.

8.3 Minn naha tal-Union sar attakk fuq il-House Notice ghax kienet iccahhad l-appellanti minn kundizzjonijiet u opportunitajiet ta' xoghol ugwali ghal tas-Security Guards. It-Tribunal hu tal-fehma li l-House Notice in kwistjoni ma kinetx tmur kontra l-Ftehim Kollettiv ghat-tlett snin 1986-89. Lanqas ma kienet tmur kontra l-kostituzzjoni ta' Malta jew xi ligi ordinarja li dak iz-zmien kienet vigenti. Jekk il-Union rikonoxxuta ma kinetx ikkonsultata formalment dwar il-hrug ta' l-imsemmija notice, lanqas ma kienet oggezzjonat. Tassew li kien hemm xi haddiema li ma hadux gost, biss dan kien ghax, meta tnejn mill-postijiet ta' Security Guards kienu se jimtlew minn nisa, l-irgiel kien ser ikollhom jahdmu xi ljieli aktar.

8.4 Fix-xhieda taghha s-sinjorina Mifsud cahdet li waqt l-intervista fl-1987 is-sur Philip Zammit Briffa u s-sinjorina Agnes Abela kienu spjegawlha preciz x'jinvolvi x-xoghol li kienet applikat ghalih. Huma, minn naha taghhom, xehdu li ghamlu hekk. Wara 'l fuq minn ghaxar snin difficcli wiehed jiftakar x'intqal ezatt f'intervista ta' ftit minuti. Fid-dawl tal-kontenut tal-House Notice t-Tribunal isibha difficcli jaccetta li ma sarx accenn,

hafif kemm seta' kien hafif, ghal x'jinvolvu d-doveri elenkati u ghar-remunerazzjoni relatata. Zgur li z-zewg persuni mahtura ma kellhomx ghaliex jiftakru x'intqal fl-intervista qabel Settembru 1996 ghaliex kienu qeghdin jircievu hlas a bazi tal-"4-shift-roster".

8.5 It-Tribunal kien sorpriz kif, ghal kwazi ghaxar snin shah l-appellanti gew mhallsa rati ta' "allowances, overtime, Sunday Premium" qishom kienu qeghdin jahdmu "four-shift roster" meta fil-fatt kienu kkundizzjonati ghal "two-shift roster". Difficli wiehed jifhem kif kalkoli li suppost isiru a bazi tal-punch cards u ta' "bicca karta bhala gwida dwar x'suppost hadmu dawn in-nies" johrog zball simili li jdum sejjer kwazi ghaxar snin. Jezisti konflitt bejn ix-xhieda tas-sur Cousins u dik tas-sur Tirchett, fis-sens li ta' l-ewwel semma' l-punch cards u l-karta (li suppost tigi minghand Tirchett) waqt li s-sur Tirchett semma l-punch cards biss. Mhux biss li l-accounts tal-kumpanija hallsu awtomatikament b'rata zbaljata ghal snin twal, talli kellhom ikunu t-talbiet tal-Union rikonoxxuta li giebu l-management konxju ta' l-izball.

8.6 Mix-xhieda li sema' t-Tribunal hu sodisfatt li kien tassew jitratta ta' zball. Madankollu jhoss li ghandu jirrimarka li nuqqasijiet bhal dawn mhux biss ma jaghmlux gieh lill-kumpanija internazzjonali ta' fama imma joholqu inkwiet bla bzonn.

8.7 It-tilwima bejn il-U.H.M., ghan-nom tas-sinjorini Mifsud u Debattista, u l-kumpanija nqalghet meta z-zewg impjegati tnaqqsilhom id-dhul u bdew jircievu extras relatati maz-zewg shifts li effettivament kienu ilhom snin jahdmu. It-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li, sakemm iz-zewg impjegati kienu qed jithallsu bhal shabhom irgiel, ghalkemm ma kienux qed jahdmu l-istss sistema ta' shift,

ma kinetx tezisti diskriminazzjoni. Din fegghet meta nbidlu l-affarijiet.

8.8 Dan li ghadu kemm inghad bl-ebda mod ma jassolvi l-management minn nuqqas serju tieghu f'dan ir-rigward. Lanqas ma jiggustifikah li jimxi fuq dak li jridu s-shop stewards tal-Union rikonoxxuta fit-tqassim ta' overtime u ta' shifts, dan skond ix-xhieda li nghatat quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal hu konvint li l-appellanti tnehhew minn fuq is-"second-shift" ghal perjodu ta' erba xhur minn Novembru, 1996 mhux ghal xi raguni valida. Hu fatt inkwetanti li ex-shop-steward (is-sur John Simpson) xehed li kien oggezzjona li l-appellanit jahdmu first u second shift u li l-management akkomodah billi beda jhaddimhom days u second. It-Tribunal jigih dubju min tassew qieghed jimmanigja l-fabbrika.

8.9 Il-partijiet jaqblu li l-management hu responsabbli biex jutilizza r-rizorsi umani bl-iktar mod efficjenti u l-inqas infiq possibbli. It-Tribunal ghalhekk jara mertu limitat fit-tezi tal-Union li ghalkemm l-irgiel jahdmu "four-shifts" u jithallsu ta' tali, fil-fatt hafna minnhom ftit gimghat fis-sena biss jahdmu hekk. Indubbjament dan l-argument ingib bhala gustifikazzjoni ohra sabiex l-appellanti jibqghu jithalsu kif kienu sa Ottubru 1996. Biss il-kwistjoni mhiex dik izda hi jekk l-appellanti ghandhomx jitpoggew fuq l-istess "four-shift" roster u hlas bhas-Security Guards irgiel.

8.10 Il-kumpanija qed targumenta li pass bhal dan ifisser bidla fil-kuntratt ta' l-impjieg bejn l-appellanti u l-kumpanija li, skond il-kumpanija, l-appellanti dahlu ghalih b'ghajnejhom miftuha. Jekk it-Tribunal jistabilixxi li l-kuntratt ma kienx car fil-konfront ta' l-appellanti, jew kien ingust jew kien b'xi mod diskriminatorju, t-Tribunal hu liberu li jaghti r-rimedji li jidhirlu xierqa.

8.11 Ma ngibet ebda prova li l-kuntratt ma kienx car, anzi l-House Notice kienet cara fir-rigward ta' doveri. Fejn kienet siekta kien dwar hlasijiet. Stante li kien jezisti Ftehim Kollettiv il-kondizzjonijiet in generali kienu jinsabu hemm. Li gara kien li l-appellanti setghu kienu mizgwidati bil-hlas li sarilhom ghal kwazi ghaxar snin. It-Tribunal ma jhossx li jista' jghid li kien hemm nuqqas ta' kjarezza jew li kien hemm xi element ingust fil-kuntratt. L-uniku punt li ghad irid ikun rizolt hu l-kwistjoni ta' diskriminazzjoni.

8.12 It-Tribunal hu konxju tal-provvedimenti ta' Artikli 14 u 45(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' Artiklu 32(1) ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266). Hu daqstant konxju mill-konvenzjonijiet internazzjonali ratifikati minn Malta fir-rigward ta' diskriminazzjoni a bazi ta' sess fuq il-post tax-xoghol. Il-bidla fil-kostituzzjoni bdiet issehh fl-1991 u ghalhekk politika nazzjonali f'dan ir-rigward li Tribunal ghandu jaghtiha piz bdiet issehh mill-istess sena, almenu formalment.

8.13 Il-mistoqsija li ghamel lilu nnifsu t-Tribunal fil-konfront tal-House Notice li harget fl-1987 kienet : "wara l-emendi fil-kostituzzjoni setghet tohrog notice fl-istess termini?"

Wara konsiderazzjoni shiha, t-twegiba li t-Tribunal wasal ghaliha hi "iva". In-notice qeghda tiddentifika xoghol li jigu mitluba jaghmlu sezzjoni ta' Security Guards. Kieku minn grupp ta' irgiel impjegati whud minnhom jigu assenjati jaghmlu bicca mix-xoghol biss imma jithallsu paga bazika u jkollhom kundizzjonijiet ta' leave bhal l-ohrajn, ma tkunx tezisti diskriminazzjoni. Hlas addizzjonali ghal xoghol addizzjonali moghti lil uhud ma jistax jitqies bhala diskriminatorju. It-Tribunal ma jarax

li f'dan ir-rigward limitat "gender" ghandu jaghmel xi differenza.

8.14 Inghatat importanza sproporzjonata lill-kwistjoni ta' image tal-kumpanija. Id-dokument "Policy & Procedures - Equal Opportunities" tad-De La Rue Group u prodott mill-Union juri bic-car li bhala "policy" il-kumpanija thaddem "the concept of equal pay for equal value" u li l-management ghandu "responsibility to promote equal opportunites for women". Mela l-"image" tal-kumpanija wiehed irid ihares lejh fl-isfond ta' dan id-dokument u tal-principji elenkati fih. Meta wiehed jghaddi ghall-prattika jigi rinfaccjat bil-kulturi ta' klijenti li De La Rue f'Malta ghandha. F'certi pajjizi klijenti mhux accettabbli li Security Guard skorta tkun mara.

8.15 Hu fl-isfond li intqal hawn fuq li t-Tribunal wasal ghad-decizjoni li ssegwi.

## 9. Decizjoni

9.1 It-Tribunal jikkunsidra li l-eskluzzjoni ta' l-appellanti milli jaghmlu skorta, kemm lokali u kemm barra minn Malta hi konformi mal-House Notice li tahta gew mahtura z-zewg appellanti u ghandha tibqa' issehh.

9.2 It-Tribunal ma jhossx li kienet tezisti xi eskluzzjoni fuq liema rosters ghandhom jitpoggew l-appellanti u ghalhekk jordna li mhux aktar tard mill-1 ta' Gunju 1998 l-appellanti Connie Mifsud u Diane Debattista

jitpoggew fuq "4-shift-roster" u jibdew jircievu l-hlasijiet relatati mill-istess data.

It-Tribunal jistenna li l-management jizgura li s-sahra mehtiega titqassam b'mod ekwu bejn is-Security Guards kollha mill-lum 'l quddiem.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

---------------------
**Albert J. Tabone**
**CHAIRMAN**

---------------------
**Alfred Buhagiar**
**MEMBRU**

---------------------
**Joseph G. Vassallo**
**MEMBRU**

---------------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg